

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Infurzar tal-Liġi, il-Kooperazzjoni u t-Taħriġ (Europol) u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2009/371/ĠAI u 2005/681/ĠAI

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, FR u DE fuq il-websajt tal-KPDE <http://www.edps.europa.eu>)

(2014/C 38/03)

I. Introduzzjoni

I.1. Kuntest tal-opinjoni

1. Fis-27 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Infurzar tal-Liġi, il-Kooperazzjoni u t-Taħriġ (Europol) u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2009/371/ĠAI u 2005/681/ĠAI ("il-Proposta"). Il-Proposta ntbagħtet mill-Kummissjoni lill-KEPD għall-konsultazzjoni fl-istess jum u waslet fl-4 ta' April 2013.

2. Qabel l-adozzjoni tal-Proposta, il-KEPD inġhata l-opportunità li jagħti kummenti informali. Il-KEPD jilqa' l-fatt li tqiesu ħafna minn dawn il-kummenti.

3. Il-KEPD jilqa' l-fatt li ġie kkonsultat mill-Kummissjoni u li hemm inkluża referenza għall-konsultazzjoni fil-preamboli tal-Proposta.

4. Il-KEPD ġie kkonsultat ukoll dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni li tistabbilixxi Skema Ewropea ta' Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi, adottata b'mod parallel mal-Proposta⁽¹⁾. Madankollu, huwa sejjer joqgħod lura milli joħroġ reazzjoni separata dwar din il-komunikazzjoni, peress li għandu biss kummenti limitati ħafna li huma inklużi fil-Parti IV ta' din l-opinjoni.

I.2. Għan tal-Proposta

5. Il-Proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 88 u l-Artikolu 87(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u għandha l-għanijiet li ġejjin⁽²⁾:

- tallinja l-Europol mar-rekwiżiti tat-Trattat ta' Lisbona, billi tadotta qafas legali skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;
- tilħaq l-għanijiet tal-Programm ta' Stokkolma billi tagħmel l-Europol ċentru għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u tistabbilixxi skemi Ewropej ta' taħriġ u programmi ta' skambju għall-professjonisti kollha rilevanti fl-infurzar tal-liġi;
- tagħti responsabbiltajiet ġodda lill-Europol, billi tieħu fidejha l-kompiti tas-CEPOL u tagħti bażi legali għaċ-ċentru taċ-ċiberkriminalità tal-UE;
- tiżgura skema ta' protezzjoni tad-dejta b'saħħitha, b'mod partikolari billi ssaħħa l-istruttura ta' superviżjoni;
- ittejjeb it-tmexxija tal-Europol billi tftitx effiċjenza mtejba u tallinjaha mal-prinċipji stabbiliti fl-approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE.

Il-KEPD jenfasizza li l-Proposta hija ta' importanza kbira mill-perspettiva tal-ipproċessar tad-dejta personali. L-ipproċessar tal-informazzjoni, inkluż id-dejta personali, huwa raġuni prinċipali għall-eżistenza tal-Europol. Fl-istat attwali tal-iżvilupp tal-UE, ix-xogħol operattiv tal-pulizija jibqa' kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, dan il-kompitu għandu natura dejjem aktar transkonfinali, u l-livell tal-UE jagħti appoġġ billi jipprovdi, jiskambja u jeżamina l-informazzjoni.

⁽¹⁾ COM(2013) 172 finali.

⁽²⁾ Memorandum ta' Spjegazzjoni, parti 3.

I.3. *Għan tal-Opinjoni*

6. Din l-Opinjoni sejra tiffoka fuq il-bidliet l-aktar rilevanti tal-qafas legali għall-Europol mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta. L-ewwel sejra tanalizza l-kuntest legali, l-iżviluppi tagħha u l-konsegwenzi għall-Europol. Imbagħad sejra telabora fuq il-bidliet ewlenin, li huma:

- L-istruttura ta' informazzjoni l-ġdida għall-Europol, li timplika fużjoni tad-databases differenti, u l-konsegwenzi tiegħu għall-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop.
- It-tisħiħ tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta.
- It-trasferimenti u l-iskambju tad-dejta personali u informazzjoni oħra, b'fokus fuq l-iskambju tad-dejta personali mal-pajjiżi terzi.

7. Sussegwentement, l-Opinjoni sejra tiddiskuti numru ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Proposta, b'enfażi fuq il-Kapitolu VII tagħha (l-Artikoli 34-48) dwar is-salvagwardji għall-protezzjoni tad-dejta.

V. **Konklużjonijiet**

Ġenerali

167. Il-KEPD jenfasizza li l-Proposta hija ta' importanza kbira mill-perspettiva tal-ipproċessar tad-dejta personali. L-ipproċessar tal-informazzjoni, inkluż id-dejta personali, huwa raġuni prinċipali għall-eżistenza tal-Europol, u l-Proposta diġà tinkludi protezzjoni tad-dejta b'saħħitha. Din l-opinjoni ddettaljata għalhekk ġiet adottata bil-għan li ssaħħaħ ulterjorment il-Proposta.

168. Il-KEPD jinnota li din id-Deċiżjoni tal-Europol tipprovdi għal reġim ta' protezzjoni tad-dejta b'saħħtu u jqs li dan il-livell ma għandux jitbaxxa, indipendentement mid-diskussjonijiet dwar id-Direttiva proposta dwar il-protezzjoni tad-dejta. Dan għandu jiġi speċifikat fil-premessa.

169. Il-KEPD jilqa' l-fatt li l-Proposta tallinja l-Europol mar-rekwiżiti tal-Artikolu 88(2) tat-TFUE, u dan sejjer jiżgura li l-attivitajiet tal-Europol jibbenefikaw mill-involvement sħiħ ta' kull istituzzjoni tal-UE kkonċernata.

170. Il-KEPD jilqa' l-Artikolu 48 tal-Proposta li jipprevedi li r-Regolament (KE) Nru 45/2001, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar is-superviżjoni, huwa applikabbli b'mod sħiħ għad-dejta amministrattiva u tal-persunal. Madankollu, huwa jiddispjaċih mill-fatt li l-Kummissjoni ma għażlitx li tapplika r-Regolament (KE) Nru 45/2001 għan-negozju prinċipali tal-Europol u li tillimita l-Proposta għal regoli u derogi speċjali addizzjonali li debitament iqisu l-ispeċifitajiet tas-settur tal-infurzar tal-liġi. Madankollu, huwa jinnota li l-Premessa 32 tal-proposta ssemmi b'mod espliċitu li r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta fl-Europol għandhom jissaħħu u jibbażaw fuq il-prinċipji li jirfdu r-Regolament (KE) Nru 45/2001. Dawn il-prinċipji huma wkoll punt ta' referenza importanti għal din l-opinjoni.

171. Il-KEPD jirrakkomanda li fil-premessi tal-Proposta jiġi speċifikat li l-qafas il-ġdid tal-protezzjoni tad-dejta tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE sejjer ikun applikabbli għall-Europol hekk kif jiġi adottat. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-iskema tal-protezzjoni tad-dejta għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE għall-Europol għandha tiġi ċċarata fl-istrument li jieħu post ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, kif imħabbar l-ewwel fl-2010, fil-kuntest tar-reviżjoni tal-pakkett tal-protezzjoni tad-dejta. Sa mhux aktar tard minn meta jiġi adottat il-qafas ġenerali l-ġdid, l-elementi ġodda ewlenin tar-riforma tal-protezzjoni tad-dejta (jiġifieri l-prinċipju tar-responsabbiltà, il-valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-dejta, il-privatezza permezz tad-disinn u fil-kontumaċja u n-notifika ta' ksur ta' dejta personali) għandhom jiġu wkoll applikati għall-Europol. Dan għandu jissema' wkoll fil-premessi.

Struttura ta' informazzjoni ġdida tal-Europol

172. Il-KEPD jifhem il-ħtieġa għal flessibbiltà b'rabta mal-kuntest dejjem jinbidel, kif ukoll fid-dawl tar-rwoli dejjem jikbru tal-Europol. L-istruttura ta' informazzjoni eżistenti mhijiex neċessarjament il-punt ta' referenza għall-futur. Huwa fid-diskrezzjoni tal-leġiżlatur tal-UE li jstabbilixxi l-istruttura ta' informazzjoni tal-Europol. Fir-rwol tiegħu ta' konsulent għal-leġiżlatur tal-UE, il-KEPD jiffoka fuq il-kwistjoni sa liema punt l-għażla tal-leġiżlaturi hija ristrett mill-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta.

173. B'rabta mal-Artikolu 24 tal-Proposta, huwa:

- jirrakkomanda li jiġu ddefiniti l-kunċetti ta' analiżi strateġika, tematika u operattiva fil-Proposta u titħassar il-possibbiltà li d-dejta personali tiġi pproċessata għal analiżi strateġika jew tematika, sakemm ma tingħatax ġustifikazzjoni soda.
- fir-rigward tal-Artikolu 24(1)(c) jirrakkomanda li jiġi ddefinit għan speċifiku għal kull każ ta' analiżi operattiva u jkun meħtieġ li tiġi pproċessata biss id-dejta personali rilevanti biss skont l-għan speċifiku ddefinit.
- jirrakkomanda li mal-Proposta jiġu miżjuda l-elementi li ġejjin: (i) kull operazzjoni mill-analisti tal-kontrokkordji tal-Europol għandha tiġi mmotivata speċifikament, (ii) l-irkupru ta' dejta wara konsul-tazzjoni għandha tkun limitata għall-minimu strettament meħtieġ u motivat speċifikament, (iii) it-traċ-ċabbiltà tal-operazzjonijiet kollha relatati mal-kontrokkordji għandha tiġi żgurata u (iv) il-persunal awtorizzat inkarigat mill-għan li għalih id-dejta ġiet miġbura inizzjalment jista' jimmodifika din id-dejta. Dan ikun konformi mal-prattika attwali fl-Europol.

Tisħiħ tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta

174. L-Artikolu 45 tal-Proposta jirrikonoxxi li s-superviżjoni tal-operazzjoni ta' pproċessar previsa fil-Proposta hija komputu li jeħtieġ ukoll l-involvement attiv tal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta ⁽¹⁾. Il-kooperazzjoni bejn il-KEPD u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali hija kruċjali għas-superviżjoni effettiva f'dan il-qasam.

175. Il-KEPD jilqa' l-Artikolu 45 tal-Proposta. Dan jiddikjara li l-ipproċessar tad-dejta mill-awtoritajiet nazzjonali huwa soġġett għas-superviżjoni nazzjonali, u b'hekk jirrfletti r-rwol ewlieni tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Huwa jilqa' wkoll ir-rekwiżit li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom iżommu lill-KEPD infurmat dwar kwalunkwe azzjoni li jieħdu fir-rigward tal-Europol

176. Il-KEPD jilqa':

- id-dispożizzjonijiet dwar is-superviżjoni li jipprovdu struttura b'saħħitha għas-superviżjoni tal-ipproċessar tad-dejta. Jiqtiesu r-responsabbiltajiet fuq il-livell nazzjonal u fuq il-livell tal-UE, u tiġi stabbilita sistema għall-koordinazzjoni bejn kull awtorità ta' protezzjoni tad-dejta involuta
- ir-rikonoxximent fil-Proposta tar-rwol tal-KEPD bħala l-awtorità stabbilita biex tissorvelja l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kollha.
- L-Artikolu 47 dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, iżda jissuġġerixxi li jiġi ċċarat li l-kooperazzjoni maħsuba tinkludi kooperazzjoni kemm bilaterali kif ukoll kollettiva. Premessa għandha tenfasizza aktar l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji differenti u tipprovdu eżempji dwar kif tali kooperazzjoni tista' tissaħħaħ bl-aħjar mod possibbli.

T r a s f e r i m e n t

177. Il-KEPD jissuġġerixxi li fl-Artikolu 26(1) tal-Proposta tiddaħħal sentenza li tiddikjara li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jaċċessaw u jfittxu informazzjoni fuq bażi ta' hteġa u sal-limitu meħtieġ għat-tweġiq leġittimu tal-kompiti tagħhom. L-Artikolu 26(2) għandu jiġi emendat u allinjat mal-Artikolu 27(2).

178. Fi prinċipju, il-KEPD jilqa' l-fatt li, it-trasferiment lejn il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jista' jsir biss fuq il-baży ta' adegwatezza jew ftehim vinkolanti li jipprevedi salvagwardji xierqa. Ftehim vinkolanti sejjer jiżgura ċertezza legali kif ukoll responsabbiltà sħiħa tal-Europol għat-trasferiment. Ftehim vinkolanti għandu dejjem ikun meħtieġ għal trasferimenti massivi, strutturali u ripetittivi. Madankollu, huwa jifhem li hemm sitwazzjonijiet fejn jista' jkun meħtieġ ftehim vinkolanti. Dawn is-sitwazzjonijiet għandhom ikunu eċċezzjonali, għandhom ikunu bbażati fuq hteġa reali u permessi biss għal każijiet limitati u huma meħtieġa salvagwardji sostanzjali kif ukoll proċedurali b'saħħithom.

⁽¹⁾ Ara wkoll ir-Riżoluzzjoni 4 tal-Konferenza tar-Rebbiegħa tal-Awtoritajiet Ewropej tal-Protezzjoni tad-Dejta (Lisbona 16-17 ta' Mejju 2013).

179. Il-KEPD jirrakkomanda b'mod qawwi li titħassar il-possibbiltà għall-Europol li tassumi l-kunsens tal-Istati Membri. Il-KEPD jagħti wkoll il-parir li għandu jingħata kunsens "qabel it-trasferiment" fit-tieni sentenza tal-Artikolu (4). Il-KEPD jirrakkomanda wkoll li fl-Artikolu 29, jiġi miżjud paragrafu li jiddikjara li l-Europol għandha iżomm rekords iddettalji tat-trasferiment tad-dejta personali.

180. Il-KEPD jirrakkomanda li mal-Proposta tiġi miżjuda klawżola tranżitorja fir-rigward tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni li jirregolaw it-trasferimenti tad-dejta personali mill-Europol. Din il-klawżola għandha tipprevedi r-reviżjoni ta' dawn il-ftehimiet fi żmien data ta' skadenza raġonevoli sabiex jiġu allinjati mar-rekwiżiti tal-Proposta. Din il-klawżola għandha tkun inkluża fid-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Proposta u jkun fiha data ta' skadenza li ma tkunx aktar minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-Proposta

181. Għal raġunijiet ta' trasparenza, il-KEPD jirrakkomanda wkoll li fl-aħħar tal-Artikolu 31(1) jiżdied li l-Europol għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-lista tal-ftehimiet internazzjonali u ftehimiet ta' kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, bit-tqiegħid ta' din il-lista, aġġornata regolament, fuq il-websajt tagħha.

182. Il-KEPD jirrakkomanda li fl-Artikolu 31(2) espressament jiġi miżjud li d-derogi ma jstgħux ikunu applikabbli għal trasferiment frekwenti, massivi jew strutturali, fi kliem ieħor għal settijiet ta' trasferimenti (u mhux biss għal trasferimenti okkażjonali).

183. Il-KEPD jirrakkomanda li jiddaħħal paragrafu speċifiku ddedikat lit-trasferimenti bl-awtorizzazzjoni tal-KEPD. Dan il-paragrafu, li loġikament għandu jiġi qabel il-paragrafu dwar id-derogi jipprevedi li l-KEPD jista' jawtorizza trasferiment jew sett ta' trasferimenti fejn l-Europol tindirizza salvagwardji xierqa fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-individwi, u fir-rigward tal-eżerċizzji tad-drittijiet korrispondenti. Minbarra dan, din l-awtorizzazzjoni tingħata qabel it-trasferimenti/sett ta' trasferimenti, għal perjodu li ma jaqbiżx is-sena, li jista' jiġġedded.

O h r a j n

184. L-opinjoni tinkludi numru kbir ta' rakkomandazzjonijiet oħra, li għandhom l-għan li jtejbu ulterjorment il-proposta. Hawnekk, hawn elenkat xi rakkomandazzjonijiet aktar sinifikanti.

- (a) It-tħassir tal-possibbiltà li l-Europol ikollu aċċess direttament għad-databases nazzjonali (Artikolu 23).
- (b) Fejn l-aċċess jikkonċerna s-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, l-għoti ta' aċċess unikament fuq bażi ta' hit/no hit (jiġifieri tweġiba pożittiva jew negattiva). Kwalunkwe informazzjoni relatata mal-hit għandha tiġi kkomunikata lill-Europol wara l-approvazzjoni espliċita u l-awtorizzazzjoni tat-trasferiment mill-Istat Membru (jekk l-aċċess ikun jikkonċerna dejta fornuta minn Stat Membru), il-korp tal-UE jew l-organizzazzjoni internazzjonali u tkun soġġetta għall-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 35 tal-Proposta. Il-KEPD jirrakkomanda li dawn il-kundizzjonijiet jiġu stabbiliti fl-Artikolu 23 tal-Proposta.
- (c) It-tisħiħ tal-Artikolu 35 tal-Proposta billi ssir il-valutazzjoni mill-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni obligatorja. Il-KEPD jissuġġerixxi li fl-Artikoli 35(1) u (2) jitħassru l-kliem "sa fejn ikun possibbli" u li l-Artikolu 36(4) jiġi emendat kif xieraq.
- (d) Is-sostituzzjoni tar-rapport ġenerali dwar id-dejta personali msemmija fl-Artikolu 36(2) minn statistika dwar din id-dejta għal kull skop. Peress li l-kategoriji speċifiċi tas-suġġetti tad-dejta msemmija fl-Artikolu 36(1) jisthoqqlhom ukoll attenzjoni speċifika, il-KEPD jissuġġerixxi li tiġi inkluża statistika dwar din id-dejta.
- (e) L-inklużjoni fil-Proposta ta' dispożizzjoni li l-Europol għandu jkollha politika trasparenti u aċċessibbli faċilment fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta, fforma li tintgħaraf, li tuża lingwaġġ ċar u sempliċi. Id-dispożizzjoni għandha tiddikjara wkoll li din il-politika għandha tkun disponibbli faċilment fuq il-websajt tal-Europol, kif ukoll fuq il-websajts tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.
- (f) Billi l-Artikolu 41 ma jiddefinixxi b'mod ċar ir-responsabbiltà tal-partijiet kollha involuti, fir-rigward tal-Artikolu 41(4) għandu jiġi ċċarat li r-responsabbiltà għall-konformità mal-prinċipji applikabbli tal-protezzjoni tad-dejta (u mhux biss il-"legalità tat-trasferiment") hija tal-mittent tad-dejta. Il-KEPD jirrakkomanda li l-Artikolu 41 jiġi emendat kif xieraq.

- (g) f'dispożizzjoni(jiet) sostantiva/i tal-Proposta jiġi miżjud li: (i) valutazzjoni tal-impatt simili għal dak li huwa deskritt fir-Regolament propost dwar il-protezzjoni tad-dejta għandha ssir għal kull operazzjoni ta' pproċessar ta' dejta personali, (ii) il-prinċipju tal-privatezza skont id-disinn u fil-kontumaċja għandu jiġi applikat għall-ħolqien ta' sistemi li jipproċessaw dejta personali jew it-titjib tagħhom, (iii) il-kontrollur għandu jadotta politiki u jimplimenta miżuri xierqa sabiex jassigura u jkun f'pożizzjoni li juri konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta, u biex ikun żgurat li tiġi vverifikata l-effettività tal-miżuri, u (iv) l-UPD tal-Europol u, fejn ikun meħtieġ, l-awtoritajiet superviżorji, għandhom ikunu inklużi fid-diskussjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-dejta personali.

Huwa għamel ukoll xi suġġerimenti fir-rigward tal-Komunikazzjoni li ġiet adottata b'mod parallel mal-proposta.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2013.

Peter HUSTINX

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
